MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
MARK CHETCUTI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1152/2010

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**Spiro Dione Bartolo u martu Tania Maria Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti tad-9 ta' Novembru 2010 fejn intqal hekk:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' sebghin elf erba' mija u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€70,430.75) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta attrici lill-konvenuti, u dana kif jirrizulta mill-anness *statement* (Dok. ”BBS 1”) u l-annessi *delivery notes* (Dok. ”BBS 2” sa ”BBS 104”);

Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-ligjijet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta attrici, l-konventuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

Illi ghalkemm l-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont anke permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Settembru 2010 huma baqghu inadempjenti u ma halsux;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sebghin elf erba' mija u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€70,430.75) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta attrici lill-konvenuti, if premess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat b'rabta ma' dawn il-proceduri u dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 20 ta' Settembru 2010, oltre l-imghaxijiet legali b'effett mis-27 ta' Gunju 20009 (id-data tal-ahhar pagament akkont tas-somma dovuta) sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat illi l-intimati gew notifikat bir-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh izda baqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2010, fejn dehru d-difensuri tal-partijiet;

Rat li s-socjeta’ attrici irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ sittin elf tmien mija u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€60,830.75) stante pagament fil-mori tal-kawza, u dan permezz ta’ nota fl-atti ppresentata fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2010;

Rat li d-difensur tal-intimati pprezentat nota ta’ ammissjoni tat-talbiet attrici kif ridotti u fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2010;

In vista tal-ammissjoni da parti tal-intimati tal-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici kif ridott, il-Qorti qed tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sittin elf tmien mija u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€60,830.75) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u konsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenuti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------